MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 732/2013

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Cioconat Limited (C45554) bhala debitrici principali u Shaun Patrick Harty u martu Joan Harty bhala garanti solidali mas-socjetà intimata**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ The General Soft Drinks Company Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici kkoncediet self ta’ mitt elf Ewro (€100,000) lis-socjetà konvenuta permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello tal-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011), hawn allegat bhala Dok. “A”.

Il-konvenuti l-ohra kkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjetà konvenuta fl-istess att.

It-termini tal-hlas tal-istess self ma gewx irrispettati u ghaldaqstant, is-socjetà konvenuta tilfet il-beneficcju tat-terminu. Il-bilanc fuq l-istess self illum huwa fl-ammont ta’ tlieta u sittin elf sitt mija u zewg Ewro tmienja u sebghin centezmu (€63,602.78) u dana kif jirrizulta mir-resokont hawn allegat u mmarkat bhala Dok. “B”.

Inoltre s-socjetà konvenuta ghandha taghti lis-socjetà attrici l-ammont ta’ tlett elef hames mija u erbgha u tmenin Ewro wiehed u ghoxrin centezmu (€3,584.21) ghall-bejgh u kunsinna ta�much xorb mhux alkoholiku skond ir-resokont hawn allegat bhala Dok. “C”.

Fil-fehma tal-esponenti nomine, dn is-somma ta’ sebgha u sittin elf mija u sitta u tmenin Ewro disgha u disghin centezmu (€67,186.99) hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddispensa s-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ €67,186.99 rapprezentanti l-bilanc mis-self sucitat kif ukoll il-bilanc minn somma akbar dovut ghall-bejgh u kunsinna ta’ prodotti mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta kif imsemmi, bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1011/2013 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 1010/2013 u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, hadd mill-intimati ma deher ghall-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati ihallsu lil The General Soft Drinks Company Limited is-somma ta’ €67,186.99 (sebgha u sittin elf mija u sitta u tmenin Ewro disgha u disghin centezmu) bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------